# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 182/2015/VG**

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**John CAUCHI (ID. Nru. 101257M) u b'digriet datat 29 ta' April, 2015 gie kjamat fil-kawza George CAUCHI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf mija u disa' euro u sebgha centezmi ta' euro [€1,109.07c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mija u disgha ewro u seba' centezmi (€1109.07) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50963756 (mobile numru 79800859) u A/C50963776 (mobile numru 79492929) moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:
>
> Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C50963756 u

Dok IZY 3 u Dok IZY 4 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C50963776 u
Dok IZY 5 – estratt mir-Registru Elettorali, u
Dok IZY 6 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.
Dok IZY 7 – risposta ghal Dok IZY 6

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxjiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikata fil-25 ta' Marzu, 2015.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-14 ta' April, 2015 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

1. Illi inkwantu ghal kont bin-numru A/C50963756 u cjoe rigwardanti ghan-numru tal-mobile 79800859, mhux qed jigi kkontestat l-ammont pretiz mis-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut.

2. Illi inkwantu ghal kont bin-numru A/C 50963776 u cjoe rigwardanti ghan-numru ghan-numru tal-mobile 79492929, qed tigi kkontestata r-responsabbilita tal-konvenut u dana stante li kif jirrizulta mill-istess Dok. IZY 2 dan il-kont jirreferi ghal mobile ta' George Cauchi li effettivament anki effettwa pagamenti akkont u ghalhekk huwa responsabbli ghal hlas ta' l-ammont pretiz in konnessjoni ma' tali kont.

3. Illi ghalhekk in vista tat-tieni eccezzjoni jehtieg li ssir il-kjamata in kawza ta' George Cauchi (K.I. 198059M).

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra li l-kjamat fil-kawza gie notifikat fis-17 ta' Settembru, 2015.

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma llum fejn l-Avukat Dottor Carlo Vigna ghall-intimat John Cauchi ammetta t-talba tas-socjeta rikorrenti ghall-ammont ta' tmien mija hamsa u disghin euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro (€895.81c) filwaqt li l-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit ghall-kjamat fil-kawza George Cauchi ammetta t-talba tas-socjeta rikorrenti ghall-ammont ta' mitejn u tlettax-il euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro (€213.26c).

In vista ta' l-ammissjoni tal-intimata t-Tribunal ippospona l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf mija u disa' euro u sebgha centezmi ta' euro [€1,109.07c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50963756 (mobile numru 79800859) u A/C50963776 (mobile numru 79492929). L-intimat laqa ghal din it-Talba billi qal li inkwantu ghal kont bin-numru A/C50963756 u cjoe rigwardanti ghan-numru tal-mobile 79800859, mhux qed jigi kkontestat l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti fil-konfront tieghu. Zied ighid li inkwantu ghal kont bin-numru A/C 50963776 u cjoe rigwardanti ghan-numru ghan-numru tal-mobile 79492929, huwa kien qieghed jikkontesta r-responsabbilita tieghu u dan stante li kif jirrizulta mill-istess Dok. IZY 2 dan il-kont jirreferi ghal mobile ta' George Cauchi li effettivament anki effettwa pagamenti akkont u ghalhekk huwa responsabbli ghal hlas ta' l-ammont pretiz in konnessjoni ma' tali kont. Fil-fatt huwa talab il-kjamat fil-kawza ta' l-imsemmi George Cauchi. Il-kjamat fil-kawza George Cauchi gie debitament notifikat izda baqa ma pprezenta l-ebda risposta.

2. Waqt is-seduta tal-lum, id-difensuri tal-intimat u tal-kjamat fil-kawza ammettew it-Talba tas-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

3. Skond il-verbal tal-lum stess l-Avukat Dottor Carlo Vigna ghall-intimat John Cauchi ammetta t-talba tas-socjeta rikorrenti ghall-ammont ta' tmien mija hamsa u disghin euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro (€895.81c) filwaqt li l-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit ghall-kjamat fil-kawza George Cauchi ammetta t-talba tas-socjeta rikorrenti ghall-ammont ta' mitejn u tlettax-il euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro (€213.26c).

   Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimat u tal-kjamat fil-kawza, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat u mill-kjamat fil-kawza.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement

   1) jikkundanna lill-intimat John Cauchi jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija hamsa u disghin euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro [€895.81c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-26 ta' Mejju, 2014, d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali (fol. 9), sad-data tal-hlas effettiv.

   2) jikkundanna lill-kjamat fil-kawza George Cauchi jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn u tlettax-il euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro [€213.26c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-17 ta' Settembru, 2015, d-data tan-notifika ta' din it-Talba lilu, sad-data tal-hlas effettiv.

   L-intimat ghandu jhallas wiehed u tmenin fil-mija (81%) ta' l-ispejjez kollha fil-waqt li l-kjamat fil-kawza ghandu jhallas dsatax fil-mija (19%) ta' l-ispejjez kollha.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**